MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 4/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Iemmolo Cristian**
**ID 72498A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2015 billi s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,250.65) in kwantu ghal tlett mija hamsa u tmenin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€385.51) in konnessjoni ma' servizz tat-telefonija fissa bin-numru 21335682 (AC40086699) u ghal tmien mija hamsa u sittin ewro u erbatax-il centezmu (€865.14) in konnesjoni ma servizz ta' internett (AC 40115499).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,250.65) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez u d-drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------